# ALFONS MARIA GALEA (1861-1941)

## Għen il-foqra u l-batuti

PATRI HERMANN DUNCAN O.CARM

Alfons Maria Galea twieled il-Belt Valletta f'April tal-1861 minn Pietru Pawl u Marija Karmela mwielda Galea. Magħruf l-aktar bħala Sur Fons, huwa kien filantropu, senatur u awtur Malti. Tajjeb li ngħidu li Alfons Maria kien ir-raba' fost sitt aħwa.

Hu ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu mid-dar tal-ġenituri tiegħu, u mingħand l-għalliem u kittieb Annibale Preca, li kien skrivan ma' missieru. Ta' tmien snin bagħtuh jistudja għand il-Ġiżwiti f'Għawdex fejn dam tmien snin, u wara kien mibgħut fil-Kulleġġ li l-Freres kellhom f'Marsilja.

Ta' 19-il sena, meta rtira missieru, ħa n-negozju tiegħu u sar negozjant tad-drappijiet, fejn ħadem bejn l-1881 u l-1896. Meta kellu 32 sena huwa ngħaqad fiż-żwieġ ma' Elizabeth Asphar li kienet ġejja minn familja Indjana u li kellha wkoll negozju tad-drappijiet u tal-ħaġar prezzjuż. Huma kellhom ħamest itfal, li waħda minnhom saret soru.



Tlett snin wara li żżewweġ, huwa għalaq in-negozju li kellu għax ħass li dik ma' kinitx il-linja tiegħu u beda jqassam ħafna minn ġidu lill-istituti tal-karità. Fost dawn insibu li ta l-art fejn inbena l-Istitut tas-Salesjani ta' Don Bosco f'Tas-Sliema fejn kien mar jgħix meta żżewweġ. Meta l-bini ġie nawgurat fis-sena 1904, dan l-istitut serva bħala ċentru ta' rikreazzjoni u biex jiġbor il-ġuvintur għat-tagħlim tad-duttrina. Ċentri bħal dawn insibuhom li nbnew fiż-Żejtun, il- Mosta, Bormla u anke Għawdex.

Fil-1939 waqqaf ċentru għall-bniet biex ikollhom fejn jitgħallmu. Dan kien jismu l-Istitut ta' Santa Eliżabetta tas-Sorijiet Franġiskani f'Tas-Sliema. Minbarra hekk ta donazzjonijiet lill-Isptar tal-Blue Sisters u pprovda għajnuna finanzjarja lill-Kunvent tal-Bon Pastur f'Ħal Balzan. Is-Sur Fons ta sehem kbir wkoll fil-missjonijiet. Kien fis-sena 1896 li huwa nħatar teżorier fil-Kumitat tal-Missjoni. Biex in-nies jkunu aktar konxji dwar il-faqar li hawn fid-dinja biex jagħtu l- kontribuzzjoni tagħhom, huwa beda joħroġ l-Annali tal-Propagazzjoni tal-Fidi li kien joħroġ darba fix-xahar.

Għal ħafna snin, Galea kien il-President tal-Anglo-Maltese Bank, u aktar tard sar it-teżorier tal-Kurja tal-Isqof u tas-sorijiet Klarissi li għandhom il-monasteru tagħhom f'San Ġiljan. Nistgħu ngħidu li f'dawn is-snin Galea ħadem b'risq il-ħaddiem u l-batut billi semma' leħnu fuq l-istituti tal-karità.

Kien Kavallier ta' San Girgor fil-1913 u kamrier sigriet tal-Papa fis-sena 1920. Bejn l-1921 u l-1927 serva bħala Senatur.

Alfons Maria Galea għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-1941 fil-Kunvent tal-Bon Pastur meta kellu 80 sena.

Galea kien kittieb prolifiku. Fost il-publikazzjonijiet tiegħu nsibu dawn li ġejjin: "La Chiesa e la Scienza – Torino 1894", "Tliet Tfajliet Martri – 1925", "Tagħlim ta' Ġesù mill-Vanġelju u Tagħlim tal-Appostli – 1934". Insibu wkoll "Traduzzjonijiet Biblići mill-Vulgata"; "Ktieb il-Qwiel ta' Salamun – 1926", "Ekkleżjasti – 1927/ 1928", "Il-Għana ta' David (Salmi) – 1929", "Iż-żewġ kotba tal-Makkabbin – 1929", "Ktieb Ġob – 1929", u "Ktieb Iżaija – 1930", flimkien ma' għadd kbir ta' kotba ta' mogħdija taż-żmien.

Hawnhekk se nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-ktieb tiegħu "Mogħdija taż- Żmien" Nr. 129, dwar il-bidwi.

U 'Dak bidwi', hija espressjoni biex turi li wieħed mhux imgħallem biżżejjed, fejn Alfons Maria Galea jfaħħar il-bidwi għax dan jaħdem fir-raba, u jifhem ix-xogħol kollu marbut mas-sengħa. In-nies tal-bliet ftit li xejn jqisu t-taħbit tal-bdiewa. Meta l-bidwi jbigħ il-prodotti tiegħu, in-nies bil-kemm jixirfu biex jilqawħ u jdumu jiġġebdu biex jixtru l-ħaxix. Bis-saħħa tal-bidwi jirnexxielna nsajjru l-ikel fil-borma. L-għaref jgħid: "Sakemm ix-xogħol nibqgħu ngħożżuh ħadd m'hawn għalina, malli mbagħad naħbtu l-fies u l-imgħaqel narawhom tqal u mhux aktar ta' jdejna, ma jibqa' fina ebda ħajr".

Il-bidwi jaf li "wara l-beraq jiġi l-meraq". Jaf fuq iż-żwiemel u l-baqar, in-ngħaġ u l-mogħoż. Imexxi l-baqra jew iż-ziemel fuq l- andar. Jifhem ukoll il-ħxejjex u fuq il-mard tal-bhejjem. Għadu jaħdem b'xi għodod ta' missirijietna, iz-zappuna u l-imgħażqa, u kieku kellu magni aktar moderni kien jikseb aktar suċċess. Jaħdem taħt il-qilla tax-xemx u jasal biex jagħraf il-kobor tal-ħallieq. Hu jasal biex iqis ħajtu mixgħula bl-imħabba t'Alla meta jilmaħ l-għasafar jittajru fuq is-siġar. Isir qisu San Franġisk billi l-għasafar jsejħilhom ħutu.

Bosta mill-bdiewa jgħarrfu biċċa mis-salm, 'is-smewwiet ifaħħru l- kobor t'Alla u l-kwiekeb tas-sema jgħarfuna li dak xogħol ta' idejh". Għandu għerf siwi li tgħallmu mhux mill-qari tal-kotba u mill- gazzetti li nsibuhom fil-ħwienet tal-kafè iżda mill-esperjanza tal-ħajja bidwija. Mill-gazzetti ħafna drabi n-nies ma' jibqgħux jaħsbu b'moħħom, ma jirnexxilhom jitgħallmu xejn ħlief dak li kiteb l- editur. Tal-ħwienet jibdew fis-sebgħa sa' x'ħin jerfgħu mix-xogħol u jifhmu biss dawk li jaqraw il-gazzetti dwar is-safar u l-ġrajjiet kurrenti. Il-bidwi jitgħallem mix-xogħol u jifhem fuq dak kollu li jaqa' taħt għajnejh fl-għelieqi.

Nagħlqu din il-kitba b'dawn il-versi marbuta mar-raba.

"Fost kemm huma t-12-il wieħed, Mejju l-isbaħ fost ix-xhur.

Sabiħ l-ajru, sbejħa l-bħura, sbejħa l-art, kull fejn iddur".

